MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1393/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**La Palma Catering Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Lulju, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' mija u hdax-il lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm111.28) rappresentanti in kwantu ghal Lm94.30 sentejn royalty dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja numru 10268 (Dokument A anness ma'l-avviz), b'liema licenzja is-socjeta konvenuta giet moghtija d-dritt li ixxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment Good Fellas Bar, il-Qawra u Lm16.98 Taxxa fuq il-valur Mizjud ghall-

perijodu mis-6 ta’ Dicembru 2002 sas-6 ta’ Dicembru 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra legali tat-28 ta’ Frar 2003 u tat-28 ta’ Frar 2004, kif ukoll ta’l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Mejju 2003 u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici nomine sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-5 ta’ Novembru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija u hdax-il lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm111.28), bl-imghaxijiet legali mis-6 ta’ Dicembru 2002.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Mejju 2003 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------